# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA
# (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali)

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ħamis 1 ta' Awwissu 2024**

**Numru 2**

**Rikors Numru 342/2024/1**

**Reno Azzopardi**
**vs**
**L-Avukat tal-Istat**
**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' Reno Azzopardi (ir-rikorrent) tat-12 ta' Lulju 2024 li permezz tiegħu premetta u talab is-segwenti;

> Illi l-procedura odjerna qeghda ssir fil-kuntest ta' proceduri kostituzzjonali istitwiti mil-esponent b'talba illi, fost ohrajn, bl-applikazzjoni tal-Art. 422 tal-Kap 9 huwa sofra lezjoni tad-dritt tieghu ghal smiegh xieraq meta l-appell tieghu gie meqjus dezert ghax ma deherx fil-Qorti f'cirkostanzi li ma kellu ebda kontroll fuqhom.
>
> Illi jirrizulta illi fid-9 t'Ottubru 2020 l-esponent gie kundanat mil-Qorti tal-Magistrati ghal piena ta' tlett snin prigunerija effettiva. Huwa nterpona appell minn din is-sentenza. Fil-frattemp s-smiegh tal-appell imsemmi gie mholli ghal nhar it-23 t'April 2024 izda stante li l-esponenti naqas li jkun prezenti ghal din is-seduta, l-appell gie dikjarat dezert mil-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi l-esponenti ma kienx prezenti ghar-raguni li huwa gie notifikat b'riferta li tindika li l-appell kien mholli ghal nhar l-Erbgha 24 t'April 2024 u mhux ghal nhar it-Tlieta 23 t'April 2024.

Illi dan l-esponenti halfu u kkonfermah bil-gurament tieghu u dan a tenur tal-artikolu 422(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi s-smiegh tal-appell imsemmi gie mholli ukoll precedentement ghal nhar l-20 ta' Marzu 2024 izda l-esponenti naqas li jkun prezenti ghal din is-seduta, l-appell gie mholli ghal nhar it-Tlieta 23 t'April 2024.

Illi l-esponenti ma kienx prezenti ghar-raguni li fid-19 ta' Marzu 2024 kien ammess fid-Dipartiment ta' l-emergenza fl-Isptar Mater Dei fil-lejl tad-19 ta' Marzu 2024 u baqa hemmhekk ghal aktar ivestigazzjonijiet medici u dana kif tattesta l-kopja tal-istess certifikat mediku li tinsab annessa ma' dan ir-rikors.

Illi b'hekk gara illi s-sentenza ta' tlett snin prigunerija effettiva ghaddiet in gudikat galadarba l-appell gie dikjarat dezet skond il-ligi.

Illi r-rikorrenti prezenta rikors a tenur tal-Art. 422 tal-Kap 9 ghar-riappuntament u giet konsegwentement michuda. Ghaldaqstant l-esponent jinsab inkarcerat skond is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati tad-9 t'Ottubru 2020.

Illi l-gurisprudenza fil-kuntest ta' talba ghal mizuri provizorji hija ben stabbilita.

Illi jigi senjalat illi l-insenjament kostanti ta' dawk il-Qrati illi proceduri kostituzzjonali m'ghandhom qatt jintuzaw bhala appell minn decizjoni legittima ta' Qorti ohra, u inoltre, lanqas ma jigu moghtija rimedji straordinarji meta jkun ghadu disponibbli r-rimedju ordinarji.

Illi fil-kaz in ezami jidher mad-daqqa t'ghajn illi l-Art. 422 tal-Kap 9 ma jaghmel ebda provvediment ghal sitwazzjoni fejn appellant jonqos li jidher minhabba xi raguni li kienet totalment barra mill-volonta' tieghu, kif effettivament gara f'dan il-kaz.

Illi l-esponenti ma kienx prezenti ghar-raguni li huwa gie notifikat b'riferta li tindika li l-appell kien mholli ghal nhar l-Erbgha 24 t'April 2024 u mhux ghal nhar it-Tlieta 23 t'April 2024.

Illi l-esponenti ma kienx prezenti ghar-raguni li fid-19 ta' Marzu 2024 kien ammess fid-Dipartiment ta' l-emergenza fl-Isptar Mater Dei fil-lejl tad-19 ta' Marzu 2024 u baqa hemmhekk ghal aktar ivestigazzjonijiet medici u fuq kollox kif ikkonferma bil-gurament tieghu.

Illi f'dawn ic-cirkustanzi, fejn l-appellant spicca minghajr rimedju meta l-appell tieghu gie dikjarat dezert, din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis illi

tizizsti mad-daqqa t'ghajn il-lezjoni lamentata. Dan pero', bl-ebda mod ma jorbot idejn il-Qorti jew jippregudika l-proceduri principali.

Illi madanakollu din l-Onorabbli Qorti ghandha tqis illi l-fatt li r-rikorrenti qieghed jiskonta piena t'inkarcerazzjoni meta tezisti possibilita' ragonevoli li tali piena tista' tigi rikonsidrata jekk u meta jkollu l-opportunita' tal-appell twassal ghall-gustifikazzjoni tar-rimedju provizorju kif mitlub.

Illi l-inkarcerazzjoni hija piena estrema u bhala tali ghandha tigi subita f'sitwazzjonijiet ta' certezza estrema. Din tal-lum ghadha mhijiex.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet moghtija l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex

1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh bl-urgenza;

2. Bhal rimedju provizorju tordna l-helsien mill-arrest provizorju tal-esponenti, taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li thoss xierqa u konsegwentement tordna lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jew dik l-awtorita' ohra kompetenti jirrilaxxa lil esponenti hekk kif u meta l-kundizzjonijiet imposti minnha jigu sodisfatti.

Sav ghal kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat u l-Avukat Ġenerali tat-23 ta' Lulju 2024

li permezz tagħha premettew u talbu s-segwenti;

Illi permezz tar-rikors preżentat fit-12 ta' Lulju, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

*'1. Tappunta dan ir-rikors ghas-smiegh bl-urgenza;*
*2. Bhal rimedju provizorju tordna l-helsien mill-arrest provizorju tal-esponenti, taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li thoss xierqa u konsegwentement tordna lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jew dik l-awtorita' ohra kompetenti jirrilaxxa lil esponenti hekk kif u meta l-kundizzjonijiet imposti minnha jigu sodisfatti.*
*Salv ghal kull provvediment li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.'*

Illi l-lanjanza tar-rikorrent mertu tal-kawza odjerna hija li r-rikorrent ma kellux smiegħ xieraq fil-Qorti tal-Maġistrati u fil-Qorti tal-Appell Kriminali u jallega vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali (L-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kapitolu 319 tal-Liġijiet

ta' Malta). Jallega wkoll vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea u jilmenta dwar li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ddikjarat l-appell tar-rikorrent bħala deżert a tenur tal-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti jissolevaw li fl-umli fehma tagħhom, din l-Onorabbli Qorti qabel tiddegreta t-talba għal miżura proviżorja, għandha fl-ewwel lok ikollha quddiemha kopja tal-atti tal-proċeduri penali in kwistjoni sabiex ikollha stampa ċara u kompleta ta' dak li seħħ fil-proċeduri penali in kwistjoni. L-esponenti qegħdin għalhekk kontestwalment ma' din ir-risposta, jippreżentaw rikors fejn qegħdin jitolbu li tiġi preżentata vera kopja jew li tiġi ordnata l-allegazzjoni tal-atti tal-appell kriminali in kwistjoni bin-numru 216/2020 NC3 flimkien mal-atti tal-kumpilazzjoni bin-numru 475/2007.

Illi jirriżulta li permezz tas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali datata d-9 ta' Ottubru, 2020 fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Maurice Curmi) Vs Joanne Ellul Reno Azzopardi' (Kumpilazzjoni numru 475/2007) ir-rikorrent ġie kkundannat għal tlett snin priġunerija wara li nstab ħati ta' approprjazzjoni indebita u li kiser ordni ta' probation.

Ir-rikorrent appella minn dik is-sentenza u l-appell kien ilu pendenti għal diversi snin fejn  jirriżulta li:

i. Ir-rikorrent fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2023 deher mingħajr avukat;
ii. Fis-seduta tal-11 ta' Jannar, 2024, **ir-rikorrent naqas milli jidher** u minflokk  dehret Ramona Borg li nformat lil Qorti li tiġi l-*partner* tal-appellant Reno Azopardi li ma setgħax jattendi għas-seduta tal-lum. Il-Qorti appuntat lil Dr Mario Scerri bħala espert tagħha biex jieħu konjizzjoni taċ-ċertifikat mediku preżentat, biex jezamina lir-rikorrent u jirrelata dwar l-istess. Il-Qorti rriżervat li tieħu l-provvedimenti li jidhrilha li għandha tieħu fil-konfront tal-appellant minħabba n-nuqqas ta' attendenza tiegħu għas-seduta tal-lum u dan stante li l-appellant kien notifikat għas-seduta tal-lum.
iii. Illi fil-25 ta' Jannar, 2024, **deher l-appellant mhux assistit**. Il-Qorti tat żmien sat-2 ta' Frar, 2024 sabiex jippreżenta nota ta' sottomissonijiet  jekk irid. Fl-istess seduta xehed Dr Mario Scerri u esebixxa rapport dwar Reno Azzopardi, fl-istess rapport ingħad li '*l-esponent wissa lil **Azzopardi** li dawn il-kondizzjonijiet ma jimpeduhx li jattendi l-qorti u jsegwi dak kollu li kien qieghed jigri u tah struzzjonijiet sabiex jattendi l-qorti nhar il-25 ta' Jannar 2023;'*

iv. Ir-rikorrent **naqas milli jidher għas-seduta tas-27 ta' Frar, 2024**. Il-Qorti **ddikjarat l-appell bħala deżert** *ai termini* tal-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-liġijiet ta' Malta;

v. Ir-rikorrent preżenta rikors maħluf fl-1 ta' Marzu 2024 fejn talab li a tenur tal-Artikolu 422(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħoġobha tappunta l-appell odjern mill-ġdid għas-smiegħ u tiffissa seduta oħra.

vi. Illi fil-11 ta' Marzu, 2024, il-Qorti laqgħat it-talba u **appuntat ir-rikors għas-smigħ għall-14 ta' Marzu 2024**;

vii. Illi fl-14 ta' Marzu, 2024 ir-rikorrent **reġa naqas milli jidher għas-seduta**. L-Avukati tal-appellant informaw lil Qorti li l-appellant jinsab rikoverat l-isptar. Il-Qorti ordnat lil konsulenti legali sabiex sa nhar it-18 ta' Marzu 2024 permezz ta' nota jippreżentaw dokument in sostenn ta' dak li nfurmaw lil Qorti bih illum b'riżerva li l-Qorti tieħu l-provvedimenti ulterjuri minħabba n-nuqqas ta' attendenza tal-appellant għas-seduta tal-lum, minkejja li ġie debitament notifikat sabiex jattendi llum u fid-dawl tal-fatt li l-appell kien diġa ġie dikjarat bħala deżert.

viii. Illi r-**rikorrent reġa ma deherx fl-20 ta' Marzu, 2024** u ġie vverbalizzat li '*L-Avukat Jacob Magri ghall-appellant jaghmel referenza ghall-verbal tal-14 ta' Marzu 2024 u seduta stante prezenta dokument li qed jigi markat bhala Dok X u dan in vista' ta' dak imsemmi fl-ahhar verbal u fil-waqt illi din il-Qorti tinnota li dan id-dokument gie prezentat tardivament, tinnota wkoll illi fih ma hemmx imnizzel illi l-appellant ghadu rikoverat l-Isptar kif inghad lill-Qorti fis-seduta precedenti. Ghal kull buon fini l-Avukat Magri informa lill-Qorti illi t-tfajla tal-appellant infurmatu illi l-appellant ghadu rikoverat l-Isptar sal-lum.'* Il-Qorti ħalliet l-appell għal nhar it-23 ta' April, 2024 b'dan li filwaqt li l-appellant għandu jiġi notifikat biex jattendi għas-seduta li jmiss, **l-appellant huwa obbligat sabiex sa nhar it-Tlieta id-9 ta' April 2024 jipprezenta dokument in sostenn tal-fatt illi din il-Qorti giet infurmata llum illi l-appellant ghadu rikoverat l-isptar**, b'dan illi l-**Qorti irriżervat li tieħu l-provvedimenti opportuni u ulterjuri** kif inghad fil-verbal tas-seduta ta' nhar l-14 ta' Marzu, 2024 talli dakinhar l-appellant ma attendiex minkejja li kien ġie debitament notifikat.

ix. Minkejja li r-rikorrent ingħata sad-9 ta' April, 2024 sabiex jippreżenta dokument in sostenn ta' dak li l-Qorti ġiet infurmata bih fis-seduta msemmija, f'liema seduta l-Qorti rriżervat li tieħu provedimenti opportuni u ulterjuri, b'dan li r-rikorrent **baqa ma ppreżenta xejn**.

x. Ir-rikorrent **naqas milli jidher għas-seduta tat-23 ta' April, 2024** u l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dawl ta' dak li ġie verbalizzat fl-aħħar seduta u f'dik tal-14 ta' Marzu 2024 fejn l-appellant baqa' ma deherx minkejja li kien ġie debitament notifikat, u fid-dawl li r-rikorrent baqa'

ma preżenta xejn sad-9 ta' April, 2024, iddikjarat l-**appell bħala deżert**.

xi. Illi fil-25 ta' April, 2024, ir-rikorrent talab sabiex il-Qorti tappunta l-appell għas-smiegħ u l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali permezz tad-digriet datat it-30 ta' April, 2024 ċaħdet tali talba wara li qieset li '*Rat illi fit-23 t'April 2024 il-Qorti ddikjarat l-Appell ta' Reno Azzopardi bhala dezert ghall diversi ragunijiet u mhux dik biss li huwa baqa' ma deherx fit-23 t'April 2024 minkejja li r-riferta tieghu kienet tghid 24 t'April 2024 u stante dak imnizzel fil-verbal ta' seduta tal-14 ta' Marzu 2024 ghal liema seduta ir-rikorrent ossia appellant kien debittament notifikat biex jattendi, f'liema verbal il-Qorti nnutat, fost l-oħrajn, li f'dokument X ipprezentat dakinhar ma hemmx imnizzel ill il-appellant kien ghadu rikoverat l-isptar kif inghad fis-seduta ta' qabel u minkejja li l-appellant inghata sad-9 t'April 2024 saabiex jipprezenta dokument in sosten ta' dak li l-Qorti giet infurmata bih fis-seduta msemmija, f'liema seduta l-Qorti riservat li tiehu provedimenti opportuni u ulterjuri (kif del resto inghad fil-verbal; tas-seduta tal-14 ta' Marzu 2024) b'dan illi l-appellant baqa' ma prezenta xejn sad-9 t'April kif jinghd fil-verbal tas-seduta tat-23 t'April 2024'.*

xii. Kien għalhekk li l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-digriet tagħha tat-30 ta' April 2024 ċaħdet it-talba tar-rikorrent biex tappunta l-appell mill-ġdid għas-smiegħ.

In kwantu t-talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tagħti rimedju proviżorju fejn tordna l-ħelsien mill-arrest proviżorju tar-rikorrenti taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tħoss xierqa u konsegwentement tordna lid-Direttur tal-Facilità Korrettiva ta' Kordin jew dik l-awtorità oħra kompetenti jirrilaxxa lir-rikorrent kif u meta l-kundizzjonijiet imposti minnha jiġu sodisfatti, l-esponenti jwieġbu li din għandha tiġi miċħuda għar-raġunijiet segwenti:

1. Ma jeżistux l-elementi meħtiega mill-liġi sabiex dina l-Onorabbli Qorti taghti mizura *ad interim* a tenur l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, liema talba tirriżulta manifestement infondata u għalhekk għandha tiġi miċħuda.

2. Tabilħaqq allegazzjoni *ex parte* illi hemm ksur ta' dritt fondamentali mhijiex ekwivalenti għal sejbien ġudizzjarju ta' ksur ta' drittijiet fondamentali, u hija għal kollox inkompatibbli mas-serjetà tal-proċess ġudizzjarju u mal-finalità ta' *res judicata* li sentenza tinżamm milli titwettaq għax persuna jallega li kien hemm ksur ta' drittijiet fondamentali;

3. L-esponenti jissottomettu wkoll illi l-għoti ta' ordni provvizzjorja trid tiġi kkunsidrata tenut kont tal-artikoli partikolari li minnhom ikun qed jillanja l-individwu u dan peress li l-ghoti ta' tali mizuri huwa eżercizzju

eċċezzjonali u straordinarju. Kemm il-Qrati nostrani kif ukoll il-Qorti Ewropeja jinterpretaw kwistjonijiet ta' *interim measures* b'mod ristrett ghall-aħħar u jikkonċedu tali miżuri biss f'ċirkostanzi li jirrigwardaw sitwazzjonijiet estremi ta' allegata vjolazzjoni tad-dritt għall-ħajja u ta' trattament inuman u degredanti, iżda tali allegazzjonijiet huma cirkoskritti għall-kuntest ta' estradizzjoni, deportazzjoni u espulsjoni. Issir riferenza għall-provvediment mogħti fil-kawża fl-ismijiet **Raymond Caruana vs L-Avukat Generali**[1] deċiża fit-23 ta' April 2004 fejn ġie osservat illi '*interim relief jinghata meta "there is an apparent real and imminent risk of irreparable harm" u generalment jinghata f'kazijiet fejn hemm "an alleged risk to life or ill treatment" fosthom kazijiet ta' deportazzjoni u espulsjoni ghal stati fejn ir-risku ghall-hajja huma kbar hafna. "Matters of detention, interference with property rights" m'humiex fost il-kazijiet fejn jinghata interim relief'.*

4. Illi mir-rikors in risposta jidher li l-każ odjern ma jinkwadrax ruħu taħt allegata leżjoni tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni u lanqas jirrigwardja allegata leżjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.

5. Illi l-esponenti jagħmlu referenza wkoll għall-provvediment mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fil-kawża fl-ismijiet '**Alfred Degiorgio vs L-Avukat Generali u Il-Kummissarju tal-Pulizija u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2018 gew awtorizzati jintervjenu fil-proceduri Dr. Peter Caruana Galizia, Matthew Caruana Galizia, Andrew Caruana Galizia u Paul Caruana Galizia'**[2] tat-22 ta' Mejju 2018 fejn ġie osservat illi "*Il-Qorti qieset il-fattispecie tal-proceduri li ghandha quddiemha fid-dawl tas-succitat insenjament, li minnu johorgu iz-zewg rekwiziti essenzjali sabiex din il-Qorti tghaddi biex taghti rimedji ad interim kif mitlub, u cioe' l-ksur prima facie u l-hsara irrimedjabbli".*

6. Illi għalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament tal-ġurisprudenza tal-Qrati nostrana, jinkombi fuq ir-rikorrenti li juri li (a) għandu dritt *prima facie* li nkiser; u (b) ħsara irrimedjabbli f'każ li ma tinħarigx il-mizura provvizorja. Illi dawn iż-żewġ rekwiżiti huma kumulattivi u mhux alternattivi bil-konsegwenza li għandhom jiġu sodisfatti t-tnejn li huma sabiex it-talba tar-rikorrenti tiġi milqugħa minn dina l-Onorabbli Qorti. Minħabba f'hekk, l-għoti ta' provvediment proviżorju f'kawża ta' allegat ksur ta' jedd fundamentali jitlob li jintwerew ċirkostanzi eċċezzjonali li jagħmluh meħtieġ.

[1] Rikors numru: 36/2003/1

[2] Rikors kostituzzjonali numru 57/2018/1

7. Illi minn eżami anke superfiċjali tar-rikors in risposta jirriżulta li dak li qiegħed jintalab mir-rikorrenti bħala miżura provviżorja lanqas b'mod l-aktar remot ma jinkwadra u jissodisfa r-rekwiziti żviluppati fil-ġurisprudenza odjerna u dan għal diversi raġunijiet.

8. Illi l-esponenti jfakkru li r-rikorrent qiegħed jiskonta sentenza ta` ħabs li ġiet imposta fuqu leġittimament mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Il-piena erogata hija fil-parametri tal-liġi. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għamlet analizi legali u fattwali dettaljattissima u waslet għal konkluzjoni legittima li r-rikorrenti huwa ħati ta' uħud mill-akkużi miġjuba kontrih u dehrilha li piena karċerarja effettiva ta` tlett snin hija idoneja fiċ-ċirkostanzi partikolari ta` dan il-każ.

9. Huma l-Qrati penali li semgħu u għexu il-każ kriminali li kienu fl-aħjar pożizzjoni janalizzaw *ad funditus* il-fatti u l-provi ta` dan il-każ u għalhekk m`għandiex tkun din l-Onorabbli Qorti li tbiddel jew tiddisturba ir-realta' ġuridika li stabbilew leġittimament il-Qorti penali fis-sentenza tagħha bi ħruġ ta` *interim measure;*

10. Huwa fatt stabbilit li ***Res iudicata pro veritate habetur***, għalhekk is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali illi hemm ċertezza legali li ma tistax tiġi mxaqqa għaliex persuna sempliċement tqanqal ilmenti kostituzzjonali. Il-ħarsien taċ-ċertezza legali, kif ukoll dik tal-ġustizzja soċjali titlob illi sentenza ta' natura penali ma tiġix mittiefsa dment li ma jkunx hemm sentenza oħra li tirrevoka u tannulla is-sentenza attakkata. L-esponenti ifakkru li l-preżunzjoni għandha dejjem tkun li sentenzi u deċiżjonijiet tal-Qrati jiswew u li ngħataw *rite et recte* u għalhekk kwalunkwe allegazzjoni minn naħa tar-rikorrenti li hemm ksur tal-jedd fundamentali hija ċertament infondata u bla ebda bażi legali.

11. Issir referenza ghad-digriet ta` din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawża fl-ismijiet **'Stephen Pirotta vs. Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija'**[3] tad-19 t`April 2016 li kienet titratta proprju talba ghal-iskarċereazzjoni pendenti l-kawża kostituzzjonali fejn intqal is-segwenti:

*'Illi l-Qorti tqis li, ladarba hemm sentenza li saret ġudikat, din għandha l-effett li tistabilixxi fatt aċċertat għaliex ir-regola f'kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "pro*

[3] Rikors numru: 13/16 JRM

*veritate habetur". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b'sentenza oħra u mhux b'allegazzjoni dwar is-siwi tagħha, u sakemm ma tingħatax sentenza bħal dik, is-sentenza tibqa' tgħodd*

*Illi r-rikorrent ma ta lil din il-Qorti l-ebda raġuni minn dawk imsemmija hawn fuq għalfejn il-miżura minnu mitluba għandha tintlaqa' f'dan l- istadju tal-kawża. U l-Qorti ma qiegħda tara l-ebda ċirkostanza li toħroġ mill-atti tal-kawża li twassalha biex tagħti dak ir-rimedju;*

*Illi għaldaqstant, qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:*

*Tiċħad it-talba tar-rikorrent għall-ordni tal-iskarċerazzjoni tiegħu minħabba li ma jeżistux il-kundizzjonijiet li jwasslu għal dan.'*

12. Illi kif degretat mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet '**<u>Paul Demicoli vs Avukat Ġenerali, Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat tal-Istat'</u>**[4]:

*'Bħala regola sentenzi ta' qrati oħra li jkunu ġudikat m'għandhomx jinġiebu fix-xejn proviżorjament, sempliċement għaliex persuna tiftaħ kawża u tilmenta minn ksur ta' jedd fundamentali għal smigħ xieraq fi żmien raġonevoli.*

*10. Hu fatt li jekk it-talba tal-attur għall-miżura proviżorja tiġi miċħuda, ser jibqa' arrestat sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali. Però dak il-fatt waħdu mhijiex ġustifikazzjoni suffiċjenti biex qorti oħra minħabba li l-priġunier fetaħ kawża kostituzzjonali, tordna proviżorjament is-sospensjoni ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li hi ġudikat.'*

Fl-istess sentenza, il-Qorti Kostituzzjonali qieset li:

*'L-Ewwel Qorti setgħet tat ordni fis-sens li l-kawża kostituzzjonali tinstema' b'urġenza u b'hekk jiġi żgurat li kawża fejn il-provi huma dokumentati, tinstema' u tiġi deċiża fl-iqsar żmien possibbli. Fiċ-ċirkostanzi ċertament din kienet tkun miżura iktar addattata minn dik li tissospendi l-eżekuzzjoni ta' sentenza li hi ġudikat.*

[4] Deċiża mill-Qorti Kostitzzjonali fit-8 ta' Awwissu, 2023 (Rikors numru 648/22/2 FDP)

*Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti ma taqbilx mal-Ewwel Qorti li tixraq ordni ta' sospensjoni ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-22 ta' Ottubru 2022 sakemm tinqata' l-kawża kostituzzjonali.'*

13. Illi b'dan it-tagħlim kollu għandu jirriżulta li anke il-każ odjern ma jimmeritax *interim measure* għax f'dan il-każ ma hemmx ksur *prima facie* ta' jedd fondamentali. Dan ma huwiex każ ta' urġenza estrema, fejn in-nuqqas ta' teħid ta' tali miżuri jirriżulta, jew jażżarda li jirriżulta fi ħsara irreparabbli għall-interessi vitali tal-parti konċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti tkun jeħtiġilha tagħmel. B'żieda ma' dan, ma teżisti l-ebda ħsara li ma tistax titreġġa lura jew xi riskju imminenti u irreparabbli u dan ċertament m'huwiex każ ta' urġenza estrema.

14. Fid-deċiżjoni tal-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet **<u>David Gatt vs L-Avukat tal-Istat</u>**[5] deċiża fid-29 ta' Novembru 2022 ġie meqjus li:

"*B'referenza għal numru ta' sentenzi mogħtija mill-Qrati nostrana matul is-snin, ġew identifikati f'din is-sentenza ħames (5) elementi illi jistgħu jiġu llum konsidrati bħala "għadd ta' linji-gwida fl-għoti o meno ta' interim measures", liema elementi jfakkru u jirriflettu anke dawk l-elementi identifikati f'Mamatkulov suċitata:*

1. *"Ir-rimedju jingħata biss meta **<u>ma jkun hemm l-ebda rimedju ordinarju a disposizzjoni tar-rikorrent</u>**";*

2. *"Biex ikun jista' jingħata rimedju provviżorju, jeħtieġ li min jitolbu juri li hemm każ **prima facie ta' ksur** ta' jedd fundamentali. Mhux biżżejjed li wieħed joqgħod biss fuq xi **sitwazzjoni ipotetika** jew li **mhix ċerta li sseħħ**";*

3. *"Tkun sejra sseħħ **ħsara li ma tkunx tista' titreġġa' lura** għall-**interessi vitali** tal-parti kkonċernata jew għall-perkors tal-eżami li l-Qorti jkun jinħtiġilha tagħmel. Ingħad f'dan il-kuntest li l-għoti tal-interim order jingħata biss **eċċezzjonalment** f'każijiet ta' "**urġenza estrema**".";*

4. *"L-eżistenza ta' **riskju imminenti**, li għalhekk jimmerita t-teħid ta' miżuri urġenti. Sabiex ikun hemm lok għat-teħid ta' interim measure il-ħsara mhedda jeħtieġ li tkun **mhux biss irreparabbli iżda wkoll imminenti** għaliex altrimenti ma*

[5] Rikors Kostituzzjonali Numru 566/2022 AJD

*jistax jingħad li hemm dik l-urġenza li tiskatta l-ħtieġa għat-teħid tal-miżura eċċezzjonali msemmija";*

5. ***"Fil-każ li jkun hemm ġudikat, xorta jista' jingħata r-rimedju proviżorju, iżda biss f'każijiet verament eċċezzjonali***"; (Sottolinear miżjud mill-esponent.)

15. Fil-kuntest tas-sentenza ċitata fil-paragrafu preċedenti, jirriżulta li r-rikorrent qiegħed jinżamm il-ħabs bil-forza ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Ottubru 2020 (Kumpilazzjoni 475/2007). Ir-rikorrent jonqos milli jispjega għala qiegħed jallega li id-dritt għal smigħ xieraq ġie leż fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

16. Dik is-sentenza ġiet reża effettiva wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-seduta tat-23 ta' April, 2024 <u>iddikjarat l-appell bħala deżert u dan wara li l-istess Qorti kienet tagħat diversi opportunitajiet lir-rikorrent f'seduti preċedenti fejn ukoll ma kienx deher u fejn naqas milli jippreżenta d-dokumentazzjoni mitluba mill-Qorti biex jiġġustifika l-assenza tiegħu, nonostante l-fatt li ngħata tali opportunità</u>. L-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kellha d-diskrezzjoni li tiddeċiedi għandhiex tilqa' talba a tenur tal-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tenut kont tad-diversi opportunitajiet li ngħata r-rikorrent u li naqas milli jużufruwixxi ruħu minnhom, ċaħdet it-talba sabiex l-appell jerġa jiġi riappuntat.

17. Ir-rikorrent bl-ebda mod ma pprova jew wera li hawn si tratta każ *prima facie* ta' ksur ta' jedd fundamentali. In kwantu l-allegazzjoni ta' ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali (Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropea), l-esponenti jissottomettu li diġa hemm diversi sentenzi fejn l-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġie kkontestat quddiem dawn il-Qrati u fejn ġie kkonfermat li dan l-Artikolu ma huwiex leżiv id-drittijiet fundamentali.

18. L-esponenti jagħmlu referenza għad-digriet għal talba identika għal dik li għandha quddiemha din l-Onorabbli Qorti fejn tali kawża kienet ukoll tirrigwarda d-deżerzjoni ta' appell kriminali, u din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fl-ismijiet '<u>**Carmelo Portelli vs L-Avukat tal-Istat L-Avukat Generali**</u>'[6] kkunsidrat:

[6] Digriet mogħti fl-24 ta' Ġunju, 2021 (Rikors Kostituzzjonali numru: 386/21/1)

*'lli din il-Qorti ghalhekk jidrilha li r-rekwiziti sabiex jinhareg rimedju provizorju ma jissusistux.* ***Dwar ir-rekwizit tal-prima facie ksur ta' jedd fundamentali minhabba l-Artikolu 422 tal-Kodici Kriminali l-Qrati Maltin diga' esprimew ruhhom f' aktar minn okkazzjoni wahda dwar l-ghan legittimu ta' dan l-artikolu tal-ligi u dwar il-fatt li dan ma jikkostitwixxi ebda ksur ta' xi jedd fundamentali*** *(vide Patrick Mangion vs Avukat Generali et tas-27 ta' Jannar, 2006 u Anthony Bezzina vs Avukat Generali tal-31 ta' Jannar 2014). Dan jinghad ghaliex ir-rikorrent qed jiskonta sentenza ta' prigunerija effettiva imposta legittimament mill-Qorti. Fil-fehma tal-Qorti lanqas ir-rekwizit tad-dannu irrimedjabbli ma jezisti u f' dan ir-rigward issir referenza ghal sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta tad-19 ta' April, 2016 moghtija fil-kawza fl-ismijiet '**Stephen Pirotta vs Avukat Generali et'** fejn inghad is-segwenti:-*

*Illi l-Qorti tqis li, la darba hemm sentenza li saret gudikat, din ghandha l-effett li tistabilixxi fatt accertat ghaliex ir-regola f' kull ordinament li jissejjes fuq is-saltna tad-dritt hi li sentenza "pro veritate habetur". Tqis ukoll li sentenza tista' titwaqqa' biss b' sentenza ohra u mhux b' allegazzjoni dwar is-siwi taghha, u sakemm ma tinghatax sentenza bhal dik, is-sentenza tibqa' tghodd.*

*Illi r-rikorrent ma ta lil din il-Qorti l-ebda raguni minn dak imsemmija hawn fuq ghalfejn il-mizura minnu mitluba ghandha tintlaqa' f' dan l-istadju tal-kawza. U l-Qorti ma qeghda tara l-ebda cirkostanza li tohrog mill-atti tal-kawza li twassalha biex taghti dak ir-rimedju.'* (Emfażi miżjuda mill-esponenti.)

19. In kwantu qiegħed jiġi allegat li r-rikorrent sofra leżjoni tad-dritt tiegħu għal rimedju effettiv sanċit bl-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fondamentali, l-esponenti jwieġbu li dan huwa kompletament infondat fil-fatt u fid-dritt. B'ħarsa lejn l-Artikolu 422 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed dlonk jintebaħ li r-rimedju li jipprovdi dan l-artikolu huwa wiesgħa biżżejjed u jħalli d-diskrezzjoni f'idejn il-Qorti tal-Appell Kriminali biex tiddeċiedi tilqax talba biex appell jiġi riappuntat. Tant li filwaqt li s-subartikolu (1) tal-imsemmi artikolu jipprovdi għar-rimedju biex appellant fi żmien tmint'ijiem flimkien ma' dikjarazzjoni maħlufa minnu jitlob li l-Qorti tagħti ġurnata oħra għas-smiegħ u dan meta ma jkunx deher minħabba mard jew għal raġuni oħra indipendenti mill-volontà tiegħu, il-proviso tal-istess subartikolu huwa tant wiesgħa li anke jekk ikunu għaddew it-tmint'ijiem,

il-Qorti tista' f'ċirkostanzi eċċezzjonali tagħti ġurnata oħra għas-smigħ tal-appell. Fil-każ odjern, il-Qorti tal-Appell Kriminali tenut kont tad-diversi drabi li ma deherx ir-rikorrent u tenut kont li baqa' ma preżentax id-dokumentazzjoni mitluba, ċaħdet it-talba tal-25 ta' April, 024 sabiex l-appell jiġi appuntat mill-ġdid.

20. Fil-kawża deċiża ftit tal-jiem ilu mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet '**<u>Lyon Bonnici v. L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat'</u>**[7][8], liema kawża kienet tirrigwarda appell kriminali li ġie dikjarat bħala deżert, ġie kkunsidrat li :

> *'L-attur jagħti x'jifhem li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kellhiex diskrezzjoni tilqax it-talba tiegħu biex l-appell jerġa' jiġi appuntat. Wieħed irid japprezza li f'dan il-każ kien hemm xejn inqas minn erba' okkażjonijiet preċedenti meta l-attur kien naqas milli jidher għal seduta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, u kull darba l-appell reġa' ġie appuntat għas-smigħ. Il-Qorti ma taqbilx mal-fehma tal-attur. Jekk wieħed kellu jirraġuna hekk ikun ifisser li appellant f'kawża kriminali jista' jagħżel hu meta jidher u l-Art. 422(1) jagħtih l-għodda biex itawwal l-appell kemm irid hu. Bir-raġunament tal-attur kulma jrid jagħmel appellant hu li jippreżenta rikors maħluf bi skuża għalfejn ma deherx għas-seduta u l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun obbligata li terġa' tappunta l-appell għas-smigħ, no questions asked. Dak mhuwiex il-mod kif għandha tiġi applikata u interpretata l-liġi sabiex tkun effettiva. Evidenti li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma kinitx konvinta minn dak li kien qiegħed isostni l-attur, iktar u iktar meta tikkunsidra li kien hemm diġà erba' okkażjonijiet preċedenti meta l-appell ġie dikjarat deżert. Appell li kien ilu pendenti kważi sentejn minn meta kien appuntat għas-smigħ għall-ewwel darba.'*

Għalhekk ma jirriżultawx l-elementi meħtieġa sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' rimedju proviżorju.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet espressi, fil-fehma tal-esponenti ma jeżistux l-estremi sabiex jiġu milqugħin t-talbiet kontenuti fir-rikors tar-rikorrent datat it-12 ta' Lulju, 2024. Jiġi b'hekk li t-talbiet kif dedotta fir-rikors tat-12 ta' Lulju, 2024 għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrent.

---

7 Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Lulju, 2024 (Rikors numru 214/23/1 ISB)

8 Deċiża fis-16 ta' Lulju, 2024 (Rikors numru 214/23/1 ISB)

Rat l-atti u dokumenti fir-rikors kif ukoll l-atti u dokumenti tar-rikors kostituzzjonali fl-istess ismijiet fl-ismijiet premessi.

Rat li ir-rikors tħalla' għallum għas-Sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

Preżentement ir-rikorrent jinsab il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin jiskonta priġunerjija ta' tlett snin ħabs bis-saħħa ta' Sentenza tad-9 t'Ottubru 2020 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet premessi. Din is-Sentenza għaddiet in ġudikat wara li l-Qorti tal-Appell Kriminali b'digriet tal-24 ta' April 2024, iddikjarat l-appell tar-rikorrent mis-Sentenza imsemmija, deżert minħabba li ma deherx għas-seduta.

Permezz ta' rikors ieħor li qiegħed jinstema' kontestwalment ma' dan ir-rikors, ir-rikorrent talab li jiġi dikjarat li d-drittijiet fundamentali tiegħu kif imħarsa mill-artikoli 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament ġew miksura fost oħrajn b'konsegwenza tal-mod kif ġie dikjarat deżert l-appell inkwistjoni.

B'Sentenza f'dak ir-rikors, li ngħatat illum stess, din il-Qorti kif presjeduta, laqgħat it-tieni talba tar-rikorrent fejn iddikjarat li d-drittijiet fundamentali fuq imsemmija tassew ġew leżi u bħala rimedju, apparti li ħasret id-digriet ta' deżerzjoni inkwistjoni, ordnat ukoll li l-imsemmi Appell jiġi riappuntat u li r-rikorrent għandu jkun imqiegħed fl-istess stat u posizzjoni li kien qabel id-digriet ta' deżerzjoni tal-24 ta' April 2024, u għalhekk ordnat ukoll, li pendenti l-appell imsemmi, jiġi meħlus u skarċerat.

B'din il-proċedura r-rikorrent qiegħed jitlob sabiex din il-Qorti tagħti ordni ad interim billi bħala rimedju proviżorju jiġi meħlus mill-arrest proviżorju, li llum ma huwa proviżorju xejn u allura jiġi skarċerat mill-Faċilita Korrettiva ta' Kordin, naturalment pendenti l-Appell fuq imsemmi.

Dwar is-setgħa ta' din il-Qorti sabiex tagħti ordni ta' din ix-xorta, ġie ritenut mill-Qorti Kostituzzjonali fis-Sentenza mogħtija fl-ismijiet Joseph Emanuel Ruġġier et vs Joseph Oliver Ruġġier pro et noe et tat-22 ta' Awwissu 2005 hekk :

"*Din il-Qorti hi tal-fehma li fi proċeduri kostituzzjonali fejn jiġi allegat ksur tad-drittijiet fondamentali, kemm il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili kif ukoll din il-Qorti għandhom is-setgħa li, f'ċirkostanzi eċċezzjonali [...] jagħtu dawk il-provvedimenti preventivi intiżi sabiex jiżguraw li sakemm tiġi determinata l-kawża kostituzzjonali, ma jsir xejn li jista' jnaqqas mis-setgħa ta' l-istess Qrati li jipprovdu rimedju adegwat u effettiv konformement ma' dak li jistabilixxu s-subartikoli (1) u (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjonijiet korrispondenti tal-Kap 319 [Art 4(1) u (2)].*"

Issa kif diġa' aċċennat, din il-Qorti kif presjeduta, b'Sentenza tal-lum stess fost oħrajn ordnat li r-rikorrent ikun skarċerat. Ma jfissirx li din is-Sentenza hija finali għaliex potenzjalment jista' jsir Appell minnha. F'każ li jsir tali Appell, din il-Qorti tħossha inkongruwa, li fil-waqt li fis-sentenza li ngħatat illum ordnat l-iskarċerazzjoni tar-rikorrent, anke jekk ma tkunx għaddiet in ġudikat, u fl-istess ħin dan jibqa' karċerat.

Għalhekk il-Qorti ser tkun qed tilqa' it-talba tal-lum, għaliex kemm jekk is-sentenza mogħtija llum stess ma tiġix konfermata u aktar u aktar, jekk tkun konfermata, huwa xieraq li jkun skarċerat. Il-Qorti tfakkar li fis-sentenza tagħha ordnat li r-rikorrent jitqiegħed fl-istat u posizzjoni li kien għalhekk ergo kien ħieles. Ovvjament, din il-Qorti għal kull bon fini, ser tkun qed tordna l-iskarċerazzjoni tiegħu bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

Billi jintrabat b'garanzija personali ta' għaxart elef ewro €10,000 u kif ukoll b'depositu ta' elfejn ewro (€2000) li għandhom jitħallew f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti u dan sabiex jagħmel tajjeb għad-dehra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali meta dan jiġi riappunat. Il-Qorti tagħmilha ċara, li dawn il-flejjes jintilfu, anke pendenti rikors għar-riappuntament ieħor f'każ li l-Appell jerġa' jkun dikjarat deżert.

**Deċide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed tilqa' it-talba tar-rikorrent, bil-kundizzjoni li r-rikorrent jintrabat b'garanzija personali ta' għaxart elef ewro (€10,000) permezz tas-solita formula, u kif ukoll b'depożitu ta' elfejn ewro (€2000), li għandhom jitħallew f'idejn ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali u dan sabiex jagħmel tajjeb għad-dehra tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali meta dan jiġi riappuntat. Il-Qorti tagħmilha ċara, li dawn il-flejjes jintilfu anke pendenti rikors għar-riappunatment ieħor f'każ li l-Appell jerġa' jkun dikjarat deżert.

Ir-rikorrent għandu jkun meħlus meta jkun għamel il-garanzija u d-depositi inwkistjoni.

Spejjes jibqgħu bla taxxa.

**Imħallef Toni Abela** **Deputat Reġistratur**